Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 596/2013AE wara l-ittra ufficjali 1580/2013 fl-ismijiet:-

**Id-Direttur Generali (Dwana)**

**Vs**

**Andrew Debono u David Debono bhala direttur in rapprezentanza ta' D. Holdings and Investments Limited, kif ukoll ta' D. Shipping Operators Limited**

L-Erbgha, 14 ta' Ottubru, 2015.

Permezz ta' rikors prezentat fl-20 ta' Lulju 2013, is-socjetajiet intimati D. Holdings and Investments Limited u D. Shipping Operators Limited, ippremettew:-

*1. Illi esponenti gew notifikata bl-ittra ufficjali fl-ismijiet hawn fuq premessi u ghalhekk qed jintavolaw dan ir-rikors ai termini tal-artikolu 466 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jopponu t-talba tad-Direttur Generali (Dwana);*

*2. Illi l-azzjoni tad-Direttur Generali (Dwana) hija nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan ghaliex kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta' dan ir-rikors, dak mitlub fl-ittra ufficjali suriferita m'huwiex dovut lilu mill-esponenti.*

Ghaldaqstant talbu lill-qorti sabiex:

*1. Tiddikjara u tordna li t-talba tad-Direttur Generali (Dwana) kif mitluba fl-ittra tieghu fl-ismijiet hawn fuq premessi, hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;*

*2. Tordna lid-Direttur Generali (Dwana) sabiex jiddesisti milli jipprocedi bil-mandati ezekuttivi kontra l-esponenti.*

*Bl-ispejjez kontra d-Direttur Generali (Dwana) li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

Permezz ta' risposta prezentata fit-18 ta' Lulju 2013, l-intimat wiegeb:-

*1. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu t-talbiet kif dedotti fir-Rikors huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:*

*(a) Illi l-fatti tal-kaz jikkoncernaw importazzjoni ta' 60,000 (sittin elf) litru gasoil mill-kumpannija rikorrenti, liema konsenja ta' gasoil iddahlet f'Malta minn Sqallija abbord il-lancja MFV Rosnic fis-16 ta' Settembru 2010;*

*(b) Illi dan il-fatt kien dikjarat mal-awtoritajiet doganali dakinhar stess waqt il-formalitajiet tal-pratka fuq il-formula tad-Dwana maghrufa bhala Ship's Stores, meta l-lancja dahlet Malta minn Sqallija. Din id-dikjarazzjoni formali flimkien ma' dokumenti ohrajn saret mill-agent tal-imsemmija lancja MFV Rosnic u cioe' Darren Degabriele;*

*(c) Illi fuq din il-konsenja ta' 60,000 (sittin elf) litru gasoil ma kienx thallas id-dazju tas-SISA dovut skont il-Kap. 382;*

*(d) L-istess konsenja nxtrat minn Sqallija permezz tal-fattura bin-numru 131/F u l-valur taghha kien ta' €30,600 (tletin elf u sitt mitt Ewro) minghand il-kumpannija Moscuzza Vincenzo & C. gewwa Sqallija;*

*(e) Illi fuq l-imsemmija konsenja ta' gasoil mixtrija permezz tal-fattura indikata hawn fuq, jirrizulta li l-ammont ta' dazju tas-SISA dovut kien ta' (€21,144) wiehed u ghoxrin elf, mija u erbgha u erbghin Ewro, kif ukoll VAT fl-ammont ta' (€9,314) disat elef, tlett mija u erbatax-il Ewro li flimkien jammontaw ghal (€30,458) tletin elf, erba' mija u tmienja u hamsin Ewro;*

*(f) Ghalhekk, ghar-ragunijiet fuq esposti, l-ammont ta' SISA u VAT hu dovut fl-intier tieghu mill-kumpannija rikorrenti;*

*Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tal-kumpannija rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghha.*

Minkejja dak li jinghad fil-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju 2015, hadd mill-partijiet ma pprezenta nota ta' sottomissjonijiet.

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti.

1. Ir-rikorrenti qeghdin jikkontestaw ittra ufficjali li l-intimat ipprezenta fit-28 ta' Mejju 2013 *ai termini* tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12, u li permezz taghha sejhilhom ihallsu s-somma ta' €30,458 bhala dazju u Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fuq 60,000 litri *gas oil* li qalu li xtraw minn Sqallija u kienu fuq il-bastiment Rosnik. Jirrizulta li fis-16 ta' Settembru 2010, gurnata li fiha l-bastiment dahal Malta, saret dikjarazzjoni lid-Dwana li fuqu kien hemm dan il-volum ta' *gas oil*. Waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru 2013 ir-rikorrenti ddikjaraw li qeghdin jikkontestaw il-pretensjoni tal-intimat:

   *"…. Peress li l-gas oil meritu tal-kwistjoni ntuza fuq il-bastiment tas-sajd Rosnik barra mill-ibhra ta' Malta. Hu jsostni li gialadarba dan il-bastiment jintuza biss ghas-sajd barra l-ibhra territorjali ta' Malta, ma tithallasx dazju".*

   Meta xehed David Debono[1] qal li l-*gas oil* kien xtrah minn Sqallija.

[1] Direttur tal-kumpanniji rikorrenti.

2. Fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2014 xehed **Raymond Caruana**, Ufficjal tad-Dipartiment tas-Sajd, li fost'affarijiet ohra qal:-

*"Fiz-zmien meta ngieb dan il-bastiment, peress li kien bastiment gdid, kien jehtieg illi jkun jifforma parti minn koperattiva. Imbaghad din il-koperattiva taghmel applikazzjoni mad-Dipartiment tas-Sajd ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-gas oil li jintuza mill-bastiment. Il-volum ta' gas oil illi l-koperattiva kienet semmiet dwar dan il-bastiment kien ta' hamsin elf litru gas oil. Ahna jekk naghtu permess ifisser illi fuq dan il-gas oil ma jithallasx dazju.* ***Id-Dipartiment fil-kaz tar-Rosnik approva tletin elf litru gas oil. Dan ghal dik is-sena partikolari. Jekk ikollu bzonn iktar, irid jerga' jaghmel talba****".*

*"Fl-2010 il-bastiment Rosnik ha tmienja u ghoxrin elf litru gas oil. L-MOBC ikunu nfurmawna bil-volum illi jkun xtara is-sajjied matul dik is-sena. Jien qieghed dejjem nirreferi ghas-sena 2010"* .

*"Skond ir-records tal-MOBC kien biss f'Mejju tas-sena 2010 illi xtara l-fuel minghandha. Twenty eight thousand cirka litre gas oil.* ***Jekk isib prezz ahjar mill-MOBC, jaghmel is-sajjied****….. Ahna l-permess li naghtu, f'dan il-kaz it-tletin elf gas oil matul is-sena 2010 ikun qed jinghata biex is-sajjied ikun jista' jixtrih bi prezz issussidjat[2] "* .

*"Mistoqsi mill-qorti x'inhi r-raguni illi ahna ninnotifikaw lid-Dwana b'dan il-permess li naghtu lill-bastiment, nghid dik hi l-procedura, ma nafx illi hemm xi raguni ghalfejn".*

3. Skond l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kap. 382), *gas oil* li jiddahhal Malta hu oggett dazzjabbli. Madankollu ma jithallasx dazju tas-sisa fuq *gas oil* ***"if used for fishing purposes as laid down by Department of Fisheries"*** (ara Raba' Skeda tal-Att). Il-ligi ma taghmilx distinzjoni jekk is-sajd isirx fl-ibhra territorjali ta' Malta jew barra. Ghalhekk jidher li hemm bzonn ta' dikjarazzjoni tad-Dipartiment li l-*gas oil*, f'dan il-kaz 60,000 litru, ser jintuza ghas-sajd. F'dan il-kuntest jaghmel sens dak li xehed Joseph Chetcuti[3]:-

*"Ghalkemm persuna jkollha bastiment u jkun sajjied, ma jfissirx ilil dan allura jgawdi minn tax exemption.* ***Inkellha jaf ikollok sitwazzjoni fejn persuna tkun sajjied, ma jmurx jistad pero' jgawdi mill-exemption****. Sabiex inti tkun tista' tgawdi minn din l-exemption il-bastiment irid jintuza*

[2] Effettivament mid-dokument RC1 (fol. 39) li pprezenta l-istess xhud hu evidenti li fil-fatt is-sajjied ma jhallasx dazju mpost bl-Att dwar Dazju tas-Sisa.
[3] Direttur fl-ufficcju tal-Excise Duty fid-Dipartiment tad-Dwana.

*ghas-sajd bil-fuel li tkun qieghed tinghata u li fuqu ma jkunx thallas dazju. Din hi r-raguni ghalfejn ghandna l-procedura tal-kwota"* (fol. 71).

F'dan il-kaz m'hemmx prova li r-rikorrenti talbu u d-Dipartiment tas-Sajd tahom xi kwota ohra apparti dik ta' 30,000 litru *gas oil* li giet allokata lill-bastiment Rosnik ghas-sena 2010, u li minnha f'Mejju 2010 nxtraw 28,620 litru minghand Mediterranean Offshore Bunkering Limited (MOBC) (ara dokument a fol. 41). Skond ma xehed Raymond Caruana il-qorti fehemet li ghas-sena 2010 kienet saret talba ghal kwota ta' 50,000 litru *gas oil* u d-Dipartiment tas-Sajd ta kwota ta' 30,000 litru *gas oil* ghall-bastiment Rosnik, li minnhom inxtraw 28,620 litru. Ghaldaqstant, matul is-sena 2010 ir-rikorrenti kellhom dritt igawdu mill-ezenzjoni **sa massimu ta' tletin elf (30,000) litru** *gas oil*. Ma jirrizultax li fix-xhur ta' wara saret xi talba ohra lid-Dipartiment tas-Sajd ghal xi kwota ohra. Ghaldaqstant peress li m'hemmx prova ta' dan, ir-rikorrenti ma jistghux jippretendu li jgawdu mill-ezenzjoni kontemplata fir-Raba' Skeda tal-Kap. 382.

4. Gialadarba mill-provi rrizulta li mill-kwota ta' 30,000 litru nxtraw 28,620 litru, ifisser l-bastiment Rosnik kien ghad fadallu 1,380 *gas oil* x'jixtri ezentat mid-dazju ghas-sena 2010[4]. B'hekk a bazi tal-kalkoli li hemm fid-dokument JC2 (fol. 82) l-intimat m'ghandux dritt jippretendi biss il-hlas ta' hames mija u tlieta u sebgin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€573.87).

**Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti limitament fir-rigward tas-somma ta' hames mija u tlieta u sebghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€573.87) u tichadhom fir-rigward tal-kumplament. Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 98% a karigu tar-rikorrenti u 2% a karigu tal-intimat.**

Anthony Ellul.

[4] 30,000 litru – 28,620 litru = 1,380 litru *gas oil*. F'dan ir-rigward Raymond Caruana qal: *"Ahna ma nghidulux li ma jistax jixtri minghand supplier iehor"* (fol. 37).